MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 160/2003

**Kunsill Lokali Birzebbuga**

**Vs**

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u Medserv Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Kunsill attur li in forza taghha, wara li ppremetta illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar harget permess ta' zvilupp numerat *PA 03552/02* u datat il-31 ta' Ottubru, 2002 in konnessjoni ma' bini u operar ta' impjant intitolat *"Treatment plant for cuttings"* affavur tas-socjeta' konvenuta *Medserv Limited,* kopja ta' liema permess qed tigi ezebita bhala Dok A;

Ippremetta illi l-operar ta' l-impjant kontemplat fil-permess ser jinvolvi processar ta' materjal ta' *drill cuttings* (importat minn *offshore oil rigs)* klassifikat bhala *"hazardous waste" ai termini* ta' l-Avviz Legali Numru 337 tas-sena 2001 (*Waste Management (Permit and Control) Regulations: Schedule 1: 010505, 010506);*

Ippremetta illi l-*Kunsill Lokali ta' Birzebbuga* ma giex notifikat b'kopja ta' l-applikazzjoni ghall-hrug ta' l-istess permess skond kif jippreskrivi l-artikolu 32 tal-Kodici 356 tal-Ligijiet ta' Malta, u ircieva biss notament li kien hemm applikazzjoni dwar *"Treatment plant for cuttings"* minghajr ebda spjegazzjoni ulterjuri;

Ippremetta illi l-process fil-hrug ta' l-istess permess ma involviex *Environmental Impact Assessment* skond kif tirrekjedi l-ligi;

Ippremetta illi l-istess progett ma giex trattat bhala progett magguri u minflok gie trattat b'mod sorprendentement legger u fil-fatt il-permess inhareg f'inqas minn erba' xhur;

Ippremetta illi fl-istess process ghall-hrug tal-permess jirrizulta li ma sarux konsiderazzjonijiet vitali li jzommu l-hrug ta' l-istess permess fil-waqt li saru konsiderazzjonijiet zbaljati li abbazi taghhom jidher li hareg il-permess skond kif jirraporta l-espert *Peter A. Gatt* fl-anness rapport (Dok B);

Ippremetta illi l-izvilupp kif kontemplat fl-imsemmi permess ser jipperikola serjament is-sigurta' u s-sahha nazzjonali u b'mod partikolari s-sigurta' u s-sahha tal-poplu ta' Birzebbuga u tal-haddiema kollha li jahdmu fil-lokalita';

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara illi l-permess ta' zvilupp mahrug mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar numerat *PA 03552/02* u datat il-31 ta' Ottubru, 2002 in konnessjoni ma' bini u operar ta' impjant intitolat *"Treatment plant for cuttings"* affavur tas-socjeta' konvenuta *Medserv Limited*

huwa null, invalidu, u minghajr effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, rapprezentanti ta’ liema huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li in forza taghha eccepiet illi;

1. Preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti m’ghandiex gurisdizzjoni u dan *a tenur* tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 469A tal-Kap. 12;

2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill Lokali attur ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu f’dawn il-proceduri;

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi:

(i) L-Kunsill Lokali gie effettivament notifikat bl-applikazzjoni in kwestjoni *stante* illi huwa rcieva lista ta’ applikazzjonijiet li kienu jinkludu in-numru ta’ l-applikazzjoni kif ukoll deskrizzjoni ta’ l-izvilupp propost u l-isem ta’ l-applikant. A bazi ta’ tali informazzjoni, l-istess Kunsill seta’ facilment jottjeni l-informazzjoni kollha necessarja biex huwa jkun jista’ jutilizza l-mezzi disponibbli ghalih taht l-Att 1 ta’ l-1992 kif emendat, u jikkontesta l-applikazzjoni anke fl-istadju ta’ l-ipprocessar.

(ii) *Oltre* dan, din l-applikazzjoni ma kienetx tirrikjedi *Environmental Impact Assessment,* u lanqas ma kien mehtieg li din tigi trattata bhala xi progett maggur, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

(iii) Fl-ipprocessar tal-permess in kwestjoni gew mehuda in konsiderazzjoni dawk il-fatturi kollha li kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni u anke meta wiehed iqis il-kundizzjonijiet li tahthom hareg l-istess permess, jidher car kemm kien hemm konsiderazzjonijiet importanti li gew

mehuda u li fil-fatt gew inkluza bhala kundizzjonijiet fil-permess.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ *Medserv Limited,* li in forza taghha eccepiet illi;

1. Preliminarjament illi *ai termini* ta’ l-artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, din il-Qorti m’ghandiex gurisdizzjoni biex tiddikjara *“null, invalidu u minghajr effett”* il-permess *PA 03552/02* mahrug mill-konvenuta Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *a favur* is-socjeta’ eccepjenti *Medserv Limited.*

2. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suesccepit, il-Kunsill Lokali Birzebbuga m’ghandux interess guridiku biex jipproponi din l-azzjoni, billi l-izvilupp awtorizzat jaqa’ f’zona li hija espressament eskluza mill-gurisdizzjoni u r-responsabilita’ tal-Kunsill Lokali Birzebbuga.

3. Bla pregudizzju wkoll, ir-rimedju provdut mil-ligi ghal terzi persuni li jhossuhom aggravati bil-hrug ta’ permess ghall-izvilupp hija l-appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell wara li jkunu ghamlu kummenti bil-miktub (art. 15, Kap. 356). Id-decizjoni tal-Bord tal-Appell hija finali hlief li jista’ jsir appell fuq punti ta’ ligi, quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (art. 15(2), Kap 356).

4. Fil-meritu it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, billi gew segwiti l-proceduri u gew osservati r-rekwiziti kollha mehtiega skond il-ligi ghall-hrug tal-permess in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li, f’dan l-istadju, is-smiegh tal-provi u t-trattazzjoni tal-kawza gie limitat ghal ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-

Ippjanar (MEPA) u ghal ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta' konvenuta *Medserv Limited;*

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet fir-rigward;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-Kunsill attur;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari aktar qabel indikati;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li s-socjeta' *Medserv Ltd*, li ghandha l-bazi taghha fil-kumpless tal-*Malta Freeport* gewwa Birzebbuga, applikat mal-MEPA ghal permess biex tizviluppa parti mis-sit minnha okkupat ghal *"treatment plant for cuttings".* Din l-applikazzjoni giet ipprezentata fl-24 ta' Gunju, 2002, u inghatat in-numru *PA 3552/02.* Il-MEPA, b'ittra tat-23 ta' Lulju, 2002, avzat lill-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga b'dik l-applikazzjoni, u l-istess talba giet ippubblikata wkoll fl-edizzjoni tal-20 ta' Lulju, 2002, tal-gurnal *"The Malta Independent"*. Fl-avviz inghata n-numru tal-applikazzjoni u l-kontenut tal-istess applikazzjoni, u *cioe'*, li l-*Medserv Base Malta Freeport* applikat ghal permess ghal *"treatment plant for cuttings".* Il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga cempel l-ufficji tal-MEPA biex jindaga fuq dik l-applikazzjoni, izda gie infurmat li l-applikazzjoni ma tikkontjeniex informazzjoni aktar milli inghata fl-avviz. Il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga haseb li l-applikazzjoni saret biex ix-xoghol ta' tqattih ta' pipijiet u hadid li l-kumpanija *Medserv* kienet qed taghmel fil-*Manoel Island,* kien, issa, se taghmlu fil-*Malta Freeport* u, allura, ma tatx kaz aktar l-applikazzjoni. Ghalkemm id-dettalji ta' kull applikazzjoni, inkluzi l-pjanti sottomessi, oltre li jigu ppubblikati f'gurnal lokali, jittqieghdu wkoll fuq l-*internet site* tal-MEPA, u ghalkemm il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga, illum, jivverifika kull applikazzjoni li ssir u li tolqot il-lokal ta' Birzebbuga, is-Sindku ta' Birzebbuga, b'referenza ghal dan il-kaz

partikolari, ma setghax jghid li l-Kunsill ezamina din l-applikazzjoni fuq il-*web site.*

Eventwalment, fil-21 ta' Ottubru, 2002, il-MEPA harget il-permess mitlub mis-socjeta' *Medserv Ltd.* Wara li l-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga ircieva avviz tal-hrug tal-permess, huwa kiteb lill-MEPA fil-5 ta' Novembru, 2002, u peress li kienet *"ghaddejja kontroversja shiha dwar dan il-permess fil-medja"*, talab li jinghata aktar dettalji dwar x'jinvolvi l-progett. Peress li l-Kunsill attur ma inghatax sodisfazzjon dwar l-ghoti tal-permess, talab il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-MEPA u s-socjeta' *Medserv Ltd.* It-talba ghal hrug ta' dak il-Mandat giet, *pero'*, michuda, izda l-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga nieda dawn il-proceduri fejn qed jitlob dikjarazzjoni li l-permess in kwistjoni huwa null u invalidu. Il-konvenuti eccepew, fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tisma' dan il-kaz *a tenur* tal-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u, fit-tieni lok, in-nuqqas ta' interess guridiku tal-Kunsill attur li jippremuovi din il-kawza.

L-artikolu 469(A) tal-Kap. 12 jiddisponi illi;

*"Id-despozizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra".*

L-artikolu 469A jipprovdi lic-cittadin mezz ta' kif jista' jattakka jew jimpunja atti maghmula mill-amministrazzjoni, u jipprovdi wkoll ir-ragunijiet li fuqhom tali azzjoni tkun tista' tigi bazata. Dak l-artikolu jipprovdi rimedju b'mod generali, izda is-subartikolu (4) jaghmilha cara li fejn ligi specjali tipprovdi rimedju adegwat, ir-rimedji kontemplati fl-artikolu 469A ghandhom jitqiesu mhux applikabbli, peress li hu mistenni li c-cittadin li jhoss ruhu aggravat ghandu jinqeda bir-rimedji specjali kontemplati fil-ligi *ad hoc* li tirregola dak l-att.

Is-sottomissjoni tal-Awtorita' konvenuta hi fis-sens li l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (l-Att numru I tal-1992) jipprovdi dritt lill-terz biex joggezzjona ghall-applikazzjoni

ghall-zvilupp li tkun saret minn xi hadd iehor. Dan id-dritt, fil-fatt, hu sancit fl-artikolu 32(5) tal-imsemmi Att, li jipprovdi li min irid iressaq oggezzjoni kontra talba ghal xi zvilupp irid jaghmel dan bil-miktub u fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz ta' applikazzjoni ghall-izvilupp. Meta dan it-terz iressaq kumment bil-miktub skond dan l-artikolu, huwa jista' wkoll jappella lill-Bord tal-Appell skond l-artikolu 15(1)(d)(i) tal-istess Att; sussegwentement, hemm dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord tal-Appell. Jista' jizdied li qabel ma gie introdott fil-ligi dan id-dritt ta' appell lill-terz, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Attard Montaldo vs Chairman ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar", deciza fid-19 ta' Awissu, 1996, kienet irrikonoxxiet id-dritt ta' kull terz interessat li jappella quddiem il-Bord ta' l-Appell. Huwa provdut wkoll, fl-artikolu 15 tal-Att, li f'kaz li terz iressaq oggezzjoni bil-miktub kif trid il-ligi, jekk isir appell minn applikant li jkollu l-applikazzjoni tieghu michuda, il-Bord tal-Appell javza wkoll lit-terz bl-appell interpost mill-applikant biex dan ikun jista' jissottometti l-argumenti tieghu in sostenn tar-rifjut tat-talba ghall-izvilupp.

Huwa provdut ukoll fil-ligi (artikolu 15(1)(d)(iii) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp) li Kunsill Lokali li fil-lokalita' tieghu jkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp ghandu dejjem jitqies ghall-fini u ghall-effetti tal-ligi li huwa terza persuna interessata (ghal fini biex tressaq appell minn decizjoni tal-MEPA quddiem il-Bord ta' l-Appell), basta li dak il-Kunsill ikun ghamel sottomissjonijiet bil-miktub skond l-artikolu 32(5) aktar qabel indikat.

Hawnhekk il-Qorti trid taghmel parentezi u dana peress li ghalkemm il-*Malta Freeport* jinsab f'Birzebbuga, il-konfini tal-lokal ta' Birzebbuga, ghal iskop tal-kompetenza tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga, ma jinkludix il-*Malta Freeport.* Fil-fatt, fil-mappa ta' Birzebbuga amessa mal-Att numru XV tal-1993 dwar Kunsill Lokali (Kap. 363) (mappa numru 15/2), il-*Malta Freeport* huwa eskluz mill-gurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga. Skond dak l-Att, il-funzjonijiet ta' Kunsill Lokali huma limitati ghal lokal tieghu, u l-lokalita' tfisser *area "b'konfini stabbilita kif imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab ma dan l-Att"* (artikolu 2).

It-Tieni Skeda, fil-fatt, tirreferi ghal lokalitajiet u l-konfini taghhom. Kienet minhabba dan il-fatt li s-socjeta' *Medserv Ltd* allegat nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga. *Kwindi,* hemm forza fl-argument li, ghal dak li jigri fil-*Malta Freeport,* il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga la ghandu gurisdizzjoni u lanqas, allura, interess guridiku biex jindahal.

Min naha l-ohra, peress li l-*Malta Freeport* jinsab f'Birzebbuga, il-Kunsill jista' jargumenta li hu *"persuna"* altament interessata f'dak li jigri *"on its doorstep"*, u, ghalhekk, setghet taghmel l-oggezzjonijiet taghha *ai termini* tal-artikolu 32(5) tal-Kap. 356 (l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp), li jaghti dritt lill-*"kull persuna"* (minghajr kwalifiki) biex iressaq l-oggezzjonijiet tieghu bil-miktub. *Kwindi*, apparti l-problema li, f'dan il-kaz, johloq l-Att dwar il-Kunsill Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga, bhala persuna morali, setghet toggezzjona ghall-applikazzjoni, u dan kien jaghtiha dritt wkoll li tappella quddiem il-Bord tal-Appell *ai termini* tal-artikolu 15(1)(d)(i) tal-Kap. 356. Hi ghandha zgur interess dirett u personali f'dak kollu li jigri fil-*Malta Freeport,* u kellha, allura, kull dritt li tressaq il-kummenti taghha fuq l-izvilupp in kwistjoni.

Il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga, *pero'*, ma segwiex il-procedura dettata mil-ligi, u ma ha ebda passi biex jikkontrolla u jimmonitera dik l-applikazzjoni. Il-Kunsill jghid li m'ghamilx dan ghax fl-avviz li ircieva mill-MEPA ma kellux indikazzjoni cara tal-izvilupp propost. Kien, *pero'*, dover tal-Kunsill li jivverifika u jara sew l-implikazzjonijiet tal-progett. Ma kellux jistenna li l-MEPA taghtih l-informazzjoni fuq plat; il-Kunsill kellu d-dettalji mehtiega biex, jew tramite vizjoni tal-applikazzjoni fl-ufficcji tal-MEPA, jew billi jidhol fil-*web-site* tal-MEPA u fl-applikazzjoni in kwistjoni, ikun jaf id-dettalji li jrid tal-applikazzjoni u, eventwalment, billi jara wkoll ir-rapport tal-*case officer.* Il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga m'ghamel xejn minn dan; haseb li kienet applikazzjoni inokwa, u ma baqax isegwiha.

Jinghad ukoll li fil-waqt li l-artikolu 32(4) tal-Kap. 356 jghid li *"kopja ta' kull applikazzjoni u l-pjanta relattiva li turi fejn*

*jinsab is-sit ghandhom jigu notifikati mill-Awtorita' lill-Kunsill Lokali li fil-lokalita' tieghu jkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp",* f'dan il-kaz, gia intwera li l-izvilupp propost ma kienx sejjer issir fil-*"lokalita'"* tal-Kunsill ta' Birzebbuga, skond kif definit fl-Att dwar il-Kunsill Lokali, u allura il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga ma jistax jinvoka dak l-artikolu u jghid li ma inghatax kopja tal-applikazzjoni (ghalkemm id-dettalji li inghata kienu ripproduzzjoni ta' dak li kien hemm fuq l-applikazzjoni). F'dan il-kaz, peress li l-izvilupp kien se jsir barra l-konfini tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga, dak il-Kunsill ma kellux jippretendi trattament priveliggjat, izda kellu jagixxi bhal kull terz interessat. Bhala terz interessat, il-Kunsill attur seta' oggezzjona ghall-izvilupp propost, u anke jappella minn kull decizjoni li tiehu l-MEPA fir-rigward. Il-Kunsill, *pero'*, ma ghamel xejn minn dan u l-applikazzjoni tas-socjeta' *Medserv Ltd* giet processata minghajr l-intervent tieghu.

Kwindi, l-fatt li l-ewwel l-attur ma nghatax smiegh, ma kien tort ta' hadd ghax kieku hu intervjena fil-kaz kif titlob il-ligi, huwa kien ikollu id-dritt iressaq l-argumenti tieghu. Fil-fatt, gie deciz ukoll li terzi jistghu jitolbu jintervjenu f'appell fis-sens strett tal-artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, (ara "Pontanier vs L-Awtorita' tal-Ippjanar", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru, 2002), haga li, *pero'*, l-Kunsill attur lanqas ma ghamel f'dan il-kaz.

Il-fatt li, li kieku intervjenu, s-sottomissjonijiet tat-terz kienu, skond il-ligi, isiru bil-miktub, u ma jidhirx li hemm xi obbligu fuq il-Kummissjoni jew il-Bord tal-Appell li tisma' verbalment lit-terz, ma jwassalx ghal negazjoni ta' dritt ghal smiegh xieraq. Kif jispjega l-gurista S.A. De Smith fil-ktieb *"Constitutional and Administrative Law"* (3$^{rd}$ Edit. pag. 571), il-principju *audi alteram partem* ma jfissirx li *"the right to be heard means a right to be heard orally; in some situations a case can be properly put in writing".*

Il-membri tal-Kunsill, *kwindi*, ma jistghux iressqu t-talbiet taghhom taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, meta naqsu li jintervjenu b'mod formali fil-proceduri u b'hekk tilfu l-opportunita' li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom

quddiem l-organi kompetenti; bhala terzi interessati kien ikollhom ukoll id-dritt jappellaw mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Ghalkemm dan id-dritt ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell hu limitat fuq punti ta' dritt, ma jfissirx li, minn ihossu aggravat b'decizjoni ta' fatt mehuda mill-Bord ta' l-Appell, jista' jattakka l-konkluzzjonijiet ta' fatt b'talba ghal *"review"* tad-decizjoni mill-Qrati ordinarja. F'kaz ta' ippjanar, l-ahhar awtorita' li tista' tisma u tiddeciedi fuq punti ta' fatt huwa l-Bord tal-Appell, u kien nuqqas tal-Kunsill li dan il-Bord ma semghax l-argumenti tieghu kontra l-izvilupp mitlub. Il-kunsill Lokali ta' Birzebbuga m'gharafx jizufruwixxi ruhu mir-rimedji li tikontempla l-ligi u ma jistghax, issa, iressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Qrati ordinarja. (ara, bhala rifless fuq dan, il-kawza "Bajada vs Kummissjoni ghall-kontroll tal-Izvilupp", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-27 ta' Frar, 2004).

Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Borg vs L-Awtorita' tal-Ippjanar", deciza fit-8 ta' Mejju, 2003, l-eghmil tal-Awtorita' tal-Ippjanar mhux sindikabbli taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12, u dana peress li skond is-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A m'ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi pprovdut dwaru f'xi ligi ohra (ara wkoll "Attard vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' April, 2003). Dan hu l-punt li mieghu din il-Qorti taqbel f'din id-decizjoni.

Darba li din il-Qorti sejra tilqa' din l-eccezzjoni sollevata, mhux mehtieg li jigu mistharga wkoll l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra tal-konvenuti.

Qabel ma taghlaq din is-sentenza, din il-Qorti trid tiehu l-opportunita' biex tirrikmanda lill-MEPA biex tikkonsidra jekk ghandhiex tirrivedi d-decizjoni taghha li tohrog il-permess in kwistjoni, fid-dawl tar-rapport ppubblikat mis-*Sur Peter A. Gatt* fis-26 ta' Novembru, 2002. Il-periklu ghas-sahhiet in-nies li gew puntwalizati f'dak ir-rapport m'ghandhomx jigu skartati, u l-MEPA ghandha tara

tirrivedhiex jew tvarja d-decizjoni taghha fil-kuntest ta’ dak sottomess f’dan ir-rapport. Id-decizjoni finali, u r-responsabilita’ ghal dik id-decizjoni, tibqa ovvjament f’idejn il-MEPA.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u tiddikjara li din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni tiddelibera u tiddeciedi fuq l-ilmenti attrici in kwantu dawn huma bazati fuq il-provedimenti tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez tal-kawza, minhabba c-cirkustanzi partikolari tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------